**Kapitlu 3: Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.2: Aħna tfal t'Alla u aħwa ta' xulxin**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

a) Jagħrfu li aħna sirna wlied Alla u parti mill-familja kbira ta' dawk li jemmnu f'Alla permezz tal-magħmudija.

b) Jiġu konxji li aħna tfal t'Alla u aħwa ta' xulxin.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint Presentation li turi: stampi ta' trabi/persuni differenti waqt is-sagrament tal-magħmudija.
- stampi ta' familji li juru l-ulied flimkien mal-ġenituri
- stampa tad-dinja mdawra bi tfal differenti.
- stampa ta' Ġesù mdawwar bit-tfal
- Karta ta' taħriġ: 3.2.
- Kanzunetta: Aħna tfal tas-Saltna t'Alla.



**Naqsmu flimkien:**



- Ibda l-lezzjoni billi turi l-istampi tat-trabi/ persuni qed jitgħammdu, fuq l-IWB.
- Agħti ħin biżżejjed lit-tfal biex josservaw l-istampi u jiddiskutu flimkien dak li qed jaraw.
- Għinhom jifhmu kif dawk l-istampi jfakkru l-mument meta t-trabi / persuni ta' etajiet differenti rċevew is-sagrament tal-magħmudija u saru parti mill-familja t'Alla.
- Uri stampa ta' familja flimkien mal-ulied. Għin lit-tfal jaslu għall-konklużjoni li ladarba permezz tal-magħmudija aħna nsiru wlied Alla, (bħal ma ġo familija l-ulied huma aħwa), hekk aħna nsiru aħwa ta' xulxin.

**Nisimgħu flimkien:**

1. Fiehem li la għandna l-istess Missier, aħna aħwa ta' xulxin.
2. Ara l-istampi li jkun baqa' tal-powerpoint u ddiskuti mat-tfal x'qed juru.
3. Oħroġ il-punt li Kristu hu ħuna – li n-nies tad-dinja kollha huma min huma, huma aħwa tagħna – hi x'inhi l-kulur tal-ġilda u l-pajjiż, aħna xorta lkoll aħwa.
4. Agħti spjega ċara tas-sagrament tal-magħmudija. Uri kif permezz ta' dan is-sagrament, kulħadd isir parti mill-familja t'Alla ... kulħadd isir iben/bint Alla....



**Nikbru flimkien:**

1. Aħna sirna parti mil-familja t'Alla meta ħadna l-magħmudija.
2. Aħna aħwa ta' xulxin għax Alla hu Missierna.
3. Ġesu huwa wkoll ħuna.




**Nagħżlu flimkien:**

- Agħżel grupp ta' 4 itfal u oħroġhom fuq quddiem tal-klassi.
- Staqsi mistoqsijiet relatati li bihom twassal lill-kumplament tat-tfal tal-klassi biex jidentifikaw ruħhom magħhom bħala aħwa ta' xulxin u wlied l-istess missier.
- ***Għalkemm differenti, aħna xorta nistgħu nkunu ħbieb ta' xulxin.***



**Niċċelebraw flimkien:**

- Uri l-aħħar stampa tat-tfal magħqudin id f'id madwar id-dinja.
- Ħeġġeġ lit-tfal biex jiffurmaw ċirku fin-nofs tal-klassi u waqt li lkoll jagħlqu għajnejhom, doqq id-diska (Aħna t-tfal tas-Saltna t'Alla)
- Iddiskuti mat-tfal dwar xiex titkellem il-kanzunetta.
- Erġa' doqq id-diska iżda din id-darba ħalli lit-tfal iduru, jkantaw u jiżfnu flimkien filwaqt li jisimgħu l-kanzunetta.
- Irreferi għall-karta ta' taħriġ 3.2. Spjega lit-tfal x'iridu jagħmlu u bħala klassi aħdmu flimkien din il-karta.
- Għen lil dawk li forsi għadhom qed issibuha diffiċli biex jiktbu biex jassoċjaw il-kelma mal-istampi biex isibu l-kelma.



**Nitolbu:**

- Oħloq talba u ħeġġeġ lit-tfal jitolbu miegħek billi jirrepetu warajk.
- Din għandha tkun talba lil Ġesu' fejn fiha nirringrazzjawh bħala aħwa ta' xulxin u wliedu.

